# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Ġunju 2024**

**Rikors numru 108/2019/1**

**Silvana Seychell (K.I. 173262M)**
**vs.**
**Saviour Seychell (K.I. 507960M)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta' Silvana Seychell ippreżentat fil-25 ta April 2019, permezz ta' liema talbet hekk:

   Għaldaqstant l-esponenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara li l-intimat għandu jħallas manteniment, u kif ukoll il-bonus dovut skont il-liġi mir-rikorrenti.

ii) Tillikwida il-manteniment u l-bonus dovut skont il-klawsola numru 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi sa mindu beda jaħdem.

iii) Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti il-manteniment u l-bonus hekk likwidat flimkien mal-imgħax dekorribbli skond il-liġi sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ta' Saviour Seychell ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha wieġeb għat talbiet tar-rikorrenti.

3. Rat li ġie ippreżentat il-proċess fl-atti Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 108/19 Silvana Seychell vs. Saviour Seychell.

4. Rat li ingħatat sentenza preliminari mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-8 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti tal-Familja *ex officio* issollevat l-eċċezzjoni preliminari li m'għandhiex il-kompetenza li tiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti. Fil-fatt, permezz ta' dik is-sentenza l-Qorti iddikjarat li m'għandhiex kompetenza *ratione materiae* sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-azzjoni attriċi, u b'hekk irrimandat l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-prosegwiment ta' din il-proċedura.

5. Rat li fl-10 ta' Ottubru 2023, din il-Qorti diversament ippreseduta iddikjarat li għandha kompetenza tisma' dan il-każ.

6. Fit-30 ta' Novembru 2023, semgħet it-trattazzjoni finali tal-kawża mill-partijiet.

7. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

8. Rat li fil-verbal tat-30 ta' Novembru 2023, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

9. In suċċint, jirriżulta li ir-rikorrenti isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Lulju 1993, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (Dok A) fol 4 *et sequitur*, tal-process anness. Permezz ta' dan l-att l-intimat obbliga ruħu li jħallas il-manteniment lir-rikorrenti, għaliha u għat-tifla minuri. Fl-affidavit tar-rikorrenta preżentat fis-16 ta' Settembru 2020 ingħad li dak iż-żmien binthom Roberta kellha sitta u tletin sena. Fil-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 8 ta' Lulju 1993 ġie dikjarat li dak iż-żmien binthom minuri kellha disa' snin. Dan il-każ ġie intavolat fil-25 ta' April 2019 biex b'hekk f'dik id-data, bint il-kontendenti kienet diġa maġġorenni stante li l-indikazzjoni hija li twieldet fl-1984 u b'hekk saret maġġorenni fl-2002.

   Fil-premessi, ir-rikorrenti tirreferi għar-rekords tal-impjieg tal-intimat reġistrati mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fejn tgħid li l-intimat kienu ilu jaħsem sa mill-2003. jidher li l-intimat ilu impjegat sa mis-sena 2012, għalhekk qed tirreklama ħlas ta' manteniment skont kif provdut fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet minn dakinhar.

## C. L-EWWEL U T-TIENI EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI.

10. Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, ġie eċċepit li din il-proċedura hija intempestiva għaliex fl-ebda okkażjoni, qabel ma ġiet ippreżentata din il-proċedura, ir-rikorrenti ma nnotifikat jew interpellat lill-intimat għall-ħlas ta' xi flejjes relatati ma' manteniment. Fit-tieni lok, ġie eċċepit in linea preliminari, li din il-proċedura hija irrita stante li r-rikorrenti ma ġietx awtorizzata tipproċedi b'din il-kawża permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli qorti peress li ebda proċedura ta' medjazzjoni ma saret.

11. Huwa minnu li għaddew numru ta' snin bejn l-iffirmar tal-att tas-separazzjoni personali fit-8 ta' Lulju 1993, fl-atti tan-nutar Pierre Cassar Dok A anness fol 4 *et sequitur* tal-atti oriġinali u l-preżentata tal-każ fil-25 ta' April 2019. Fil-frattemp ma jirriżultax li l-intimat ġie interpellat b'att ġudizzjarju ieħor sabiex iħallas għall-manteniment. Madankollu, il-karenza ta' nuqqas ta' preżentata ta' ittra uffiċjali, ċertament ma toħloqx l-intempestività ta' din l-azzjoni kif qed jiġi eċċepit f'din l-ewwel eċċezzjoni preliminari. Il-pretensjonijiet tar-rikorrenti f'dan il-każ, toħroġ direttament mill-att tas-separazzjoni personali biex b'hekk l-istħarriġ li jrid isir f'dan il-każ jittratta dak stipulat f'dak l-att *per se*.

12. **Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat.**

13. Referibbilment għat-tieni eċċezzjoni preliminari, mhux kontestat li s-separazzjoni personali bejn il-partijiet seħħet permezz tal-att ta' separazzjoni personali tat-8 ta' Lulju 1993. Bis-saħħa tas-sentenza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 13 ta' Ottubru 2022, fejn ġiet sollevata l-kompetenza ta' dik il-Qorti *ex officio,* ġie deċiż li hija din il-Qorti bħala qorti ċivili, li għandha l-kompetenza tisma' dan il-każ peress li il-vertenza in eżami, titratta kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Lulju 1993. Din il-Qorti diversament presjeduta, b'digriet seduta stante tal-10 t'Ottubru 2023 iddekretat li hija għandha tali kompetenza.

14. Għalhekk f'dan il-każ m'hemmx lok ta' ebda proċedura ta' medjazzjoni, u ebda digriet ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza lir-rikorrenti tipproċedi b'dan il-każ.

15. **Għaldaqstant, għal dan il-motiv il-Qorti sejra tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari.**

**D. IT-TIELET EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – LI R-RIKORRENTI MA TISTAX TIDHER GHAL BINTHA ROBERTA SEYCHELL.**

16. Tramite it-tielet eċċezzjoni, l-intimat, sostna li r-rikorrenti hija prekluża milli tressaq it-talbiet odjerni fejn dawn jikkonċernaw lil bint il-partijiet Roberta Seychell, li fid-data tal-preżentata tar-rikors odjern kienet diġà laħqet l-età maġġorenni.

17. Għalkemm ma nġabitx l-aqwa prova dwar l-eta ta' bint il-kontendenti, hemm provi sekondarji li jindikaw dan. Mill-att ta' separazzjoni personali ingħad li fil-jum tal-firma tiegħu – 8 ta' Lulju 1993 – hija kellha disa' snin. Meta xehdet ir-rikorrenti b'affidavit preżentat fis-16 ta' Settembru 2020 hija stqarret li dakinhar bintha kellha sitta u tletin sena. Ifisser allura li meta ġiet intavolata din il-kawża, binthom kellha madwar 35 sena.

18. Jingħad fl-ewwel lok, li minn qari tal-premessi u tat-talbiet kif dedotti, jidher li ir-rikorrenti qed tipproċedi għall-manteniment tagħha. Fil-fatt, minn ħarsa lejn l-okkju tal-kawża jidher li Silvana Seychell qed tipproċedi biss f'isimha.

19. Għalkemm il-klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni tistipula u tindika li kellu jingħata manteniment ukoll lit-tifla Roberta Seychell, madankollu jinsab maqbul bejn il-kontendenti, li f'dan il-każ m'hemmx ebda pretensjonijiet ta' manteniment fir-rigward tat-tifla tal-partijiet, proprju għaliex hija leħqet l-età maġġorenni.

20. **Konsegwentement il-Qorti sejra tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimat.**

**E. IR-RABA EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – IL-PRESKRIZZJONI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 2156(b) TAL-KODIĊI ĊIVILI.**

21. L-intimat Saviour Seychell in linea preliminari, eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma milquta bi preskrizzjoni fit-terminu tal-artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

22. L-artikolu 2156(b) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:

(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;

23. Fit-trattazzjoni r-rikorrenti tirribatti din l-eċċezzjoni billi tgħid li l-obbligu tal-intimat għall-ħlas tal-manteniment jemani minn att pubbliku ta' separazzjoni datat 8 ta’ Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar u konsegwentement l-azzjoni għall-infurzar ta' din l-obbligazzjoni taqa’ bid-dekors ta' tletin sena.

24. Skont l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili d-dritt tal-preskrizzjoni ta’ azzjoni jibda’ minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

25. Relevanti għal din l-azzjoni huwa dak provdut fl-artikolu 2123 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jgħid:

Il-preskrizzjoni ma timxix –

(a) bejn ir-raġel u l-mara;

(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taht is-setgħa tal-ġenituri.......

26. F'dan il-kuntest, din il-qorti tirreferi għall-każ **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive C Kareem** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002, fejn ġie applikat l-artikolu 2123 fis-sens li il-preskrizzjoni ma timxix *inter alia* bejn il-ġenituri u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri.[1]

27. Ir-rikorrenti ma rribattiex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bl-invokazzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni skond dak l-artikolu. Madankollu, din il-Qorti tqis li xorta waħda għandha tikkonsidra jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ wasslux għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni. Dan għaliex il-Qorti għandha s-setgħa li tqanqal u tapplika hija stess il-pożizzjoni legali korretta meta din tiġi riskontrata fil-provi akkwiżiti fl-atti u dan fuq l-insenjament ġurisprudenzjali kostanti li jirritjeni li minħabba n-natura odjuża tal-preskrizzjoni, dan l-istitut għandu jiġi applikat bl-aktar mod restrittiv u fil-kamp ċivili, il-qorti m'għandhiex

[1] Ara wkoll **AB vs. CD** (132/14GM) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-31 ta’ Mejju 2018.

testendi l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni b'mod ġeneriku u mingħajr qies tal-eċċezzjonijiet għar-regola dwar il-preskrizzjoni.[2]

28. Loġikament, fejn tiġi eċċepita l-preskrizzjoni, il-Qorti tal-meritu, minbarra li trid tistħarreġ in-natura tal-preskrizzjoni eċċepita, trid tindaga wkoll jekk u meta tali preskrizzjoni tkun bdiet tiddekorri. Il-Qorti ma tistax tilqa' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jekk din ma tkunx iddekorriet. Fl-Appell Ċivili **Michael Vella vs. Andrew Camilleri** deċiż fit-28 ta' Novembru 2003 ingħad:

> Għal dik li hija sospensjoni tal-preskrizzjoni insibu li fis-sub titolu II tat-Titolu XXV tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-liġi telenka l-każi meta preskrizzjoni hija sospiża billi ma timxix kontra l-assenti, il-wirt battal, bejn ir-raġel u l-mara, bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri u każi simili. Il-lista hija eżawrijenti u ma jidhirx minn ebda provvedimenti fir-rigward li l-leġislatur għandna xi poteri diskrezzjonali fil-ġudikant.[3]

29. Fil-każ in eżami, ir-rikorrenti qegħda taġixxi sabiex tirkupra l-ħlas ta' manteniment dovut lilha. Madankollu f'dan il-każ, il-preskrizzjoni xorta waħda ma timxix a tenur tas-subinċiż 2123(a) tal-Kodiċi Ċivili.

30. F'dan ir-rigward tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni bejn il-miżżewġin, fl-Appell Ċivili fl-ismijiet : **John Baptist Sammut vs. Marina Ciarlo** (600/2009) deċiż fit-30 ta' Mejju 2014 ingħad:

> ....... U l-liġi tissospendi l-preskrizzjoni bejn ir-raġel u l-mara anke jekk bejniethom topera sistema ta' separazzjoni tal-beni. Is-sospensjoni ta' preskrizzjoni hija relatata mal-istat taż-żwieġ, u diment li dan għadu jissustixxi, teżisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri ż-żmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reċiproċi. Is-separazzjoni kif jiddisponi l-artikolu 35 tal-Kodiċi Ċivili, ġġib fi tmiemha 'l-obbligu ta' bejniethom li jgħixu flimkien', pero ma ttemmx ir-rabta.

31. Għaldaqstant in vista tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, ladarba ġie stabbilit li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-miżżewġin, irrispettivament minn liema ottika wieħed iħares lejn l-obbligu tal-intimat għal ħlas ta' manteniment, il-preskrizzjoni għall-azzjoni tal-ħlas ta' manteniment hija sospiża u ma timxix.

---

[2] Ara l-Appell Ċivili fl-ismijiet : **Albert Camilleri vs. Dotor Richard Galea Debono nomine** deċiż fl-1 ta' Lulju 1997, fejn ingħad:

> Għalhekk la l-preskrizzjoni ta' ħames snin - anke kieku l-partijiet ma jgħidu xejn - il-qorti dejjem f'kull każ, trid tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tirrikorri u meta mhux awtorizzata minn provi tal-pretensjoni li tistabbilixxi dik id-data, awtomatikament trid tiċħad l-eċċezzjoni.

[3] Ara wkoll l-Appell Ċivili fl-ismijiet : **Quintano vs. Calleja** deċiż fil-5 ta' April 1993.

32. **Għal dawn ir-raġunijiet, ir-raba' eċċezzjoni ossija dik tal-preskrizzjoni sejra tiġi miċħuda.**

## F. IL-ĦAMES EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – RIKORRENTI TRID TURI LI MA DDEKADIETX B'XI MOD MID-DRITT LI TIRĊIEVI MANTENIMENT

33. F'dan il-każ, ma jirriżulta minn imkien li, b'xi mod jew ieħor, ir-rikorrenta ddekadiet mid-dritt li hija titlob l-ammont ta' manteniment li hija qed tippretendi f'dan il-każ. Jekk xejn il-provi juru li r-rikorrent, konsapevoli mill-fatt li kien separat minn ma martu, anke fiż-żmien li reġa' beda jaħdem, naqas milli jħallasha l-manteniment li huwa kien obbligat.

34. Ir-rikorrent isostni li huwa kien maħkum mill-vizzju tad-droga u li ma kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel meta sar l-att tas-separazzjoni personali. Iżda din ir-raġuni ma tistax tiswa' biex jilqa' għat-talba tal-ħlas tal-manteniment magħmula minn martu. Jekk huwa kien jippretendi li dak l-att setgħa kien ivvizjat, kellu jirrikorri lejn il-Qorti bil-kawża appożita. Dan ma jirriżultax li sar.

35. **Din l-eċċezzjoni wkoll sejra tiġi miċħuda.**

## G. IS-SITT EĊĊEZZJONI – INFONDATEZZA TAT-TALBIET TAR-RIKORRENTI

36. Permezz ta' dan il-każ ir-rikorrenti qed titlob li l-intimat għandu jħallas il-manteniment, kif ukoll il-bonus dovut lir-rikorrenti skont il-liġi għalhekk qed jintalab li jiġi likwidat il-manteniment u l-bonus skont il-klawżola numru 3, tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-8 ta' Lulju 1993 anness bħala Dok A. Ir-rikorrenti fil-premess, qed issostni li minn meta saret is-separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet, l-intimat qatt ma ħallas manteniment.

37. L-intimat sostna li lt-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li t-talbiet attriċi iridu jiġu sostanzjati u jrid jiġi pruvat li r-rikorrenti għadha tista' tirċievi fil-preżent u għal perjodu msemmi minnha manteniment għaliha.

38. L-obbligu tal-ħlas tal-manteniment jitnissel mill-artikoli 3 tal-att ta' separazzjoni personali tat-8 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar li jgħid is-segwenti:

> Ir-raġel jobbliga ruħu li jgħaddi l-manteniment lill-mara għaliha u għat-tifla minuri meta jaħdem;
>
> a.f'każ li d-dħul tar-raġel li jkun il-minimum wage huwa obbligat iħallas ghoxrin lira fil-ġimgħa.
> b.F'każ li tkun tar-raġel ikun aktar minn minimum wage, u jkun obbligat iħallas l-ghoxrin lira kif ukoll 50 fil-mija tad-differenza bejn id-dħul u l-minimum wage.
>
> Ir-raġel ukoll jghaddilha nofs kull bonus tal-Gvern.
>
> Jibqa' miftiehem illi l-manteniment ma jinbidilx lanqas jekk il-mara timpjega ruħha part time jew full time.
>
> Il-manteniment huwa kalkolat abbażi ta' 50 fil-mija tal-mara u 50 fil-mija tat-tifla.
>
> Il-manteniment tat-tifla jispiċċa malli tgħalaq 18 il-sena jew jekk timpjega ruħha qabel.
> Il-manteniment tal-mara jispiċċa jekk hi tkun tgħix ma' ħaddieħor.

39. Għalkemm ma semma xejn fir-risposta tiegħu, fix-xiehda tiegħu l-intimat jagħmel ċenn għall-fatt li kien hemm xi żmien li fih hu u r-rikorrenti kienu rrikonċiljaw, fejn għal perjodu ta’ żmien, reġgħu bdew jgħixu flimkien, senjatament meta l-intimat kien ħareġ mill-ħabs. F'dan ir-rigward, fit-trattazzjoni, l-avukat difensur tal-intimat tirreferi għall-artikolu 42 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar ir-rikonċiljazzjoni:

> 1. L-azzjoni għall-firda tispiċċa meta jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.
> 2. Iżda jekk wara tinħoloq raġuni ġdida ta' firda, l-attur jista' sabiex issaħħaħ it-talba tiegħu iġib ukoll ir-raġunijiet ta' qabel.

40. Mill-provi prodotti jirriżulta li wara li l-partijiet isseparaw permezz tal-att ta' separazzjoni personali fis-sena 1993 kien hemm xi żmien fejn huma reġgħu bdew jgħixu flimkien - għal xi perjodu qasir. Ir-rikorrenta tgħid li:

> Kien għamel żmien reġa ġie jgħix miegħi imma mbaghad fis-sena 2008 rega telaq mid-dar u minn dak iz-zmien l’ hawn qatt ma tani manteniment hlief wara li ftaht dina l-kawza.

41. Minn naħa tiegħu l-intimat igħid li huma kienu għexu flimkien għal xi perjodu ta' sena. Iżda, ma għamlu ebda att sabiex ibiddlu l-effetti tal-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi. Fil-fatt fix-xhieda tal-intimat Saviour Seychell tal-21 ta' April 2022, huwa qal preċiżament hekk:

> L-intimat: Dak iż-żmien li kont il-ħabs irranġajt għal ftit żmien magħha.
>
> L-intimat: Is-separazzjoni qabel kienet, imbagħad mort il-ħabs mort ngħix magħha erġajt kif ħriġt mill-ħabs.
>
> Qorti: Kemm domtu flimkien?
>
> L-intimat: Lanqas naf eżatt domt ftit magħha mbagħad erġajna żblufjajna.
>
> Qorti: Gimgha, xahar?
>
> L-intimat: Naħseb qbiżniha is-sena. Imbagħad tlaqt jiena. Ħriġt mid-dar minn hemmhekk u bdejt niġri l'hemm u l'hawn ma kellix fejn noqgħod.
>
> Avukat: Kienet is-sitwazzjoni tiegħek dak iż-żmien?
>
> Dak iż-żmien ma stajtx insib xogħol jien kien hemm problema toħroġ mill-ħabs. Fl-2011 il-ħabib tiegħi fetaħ kumpanija tal-cleaning ħadni naħdem il-Plaza hotel, għax bil-kuntratt. U jekk isibuk tajjeb jaqilbuk magħhom. Sabuni tajjeb u fl-2011 qalbuni magħhom. Imbagħad irċivejt telefonata.
>
> Qorti: Meta ħriġt mill-ħabs?
>
> L-intimat 2001.
>
> Qorti: U għamiltu sena qiskom flimkien sat 2002. Mit-2002 sal-2011 kont hdimt?
>
> L-intimat: Le qatt ma ħdimt.
>
> Avukat: Is-sitwazzjoni tiegħek personali kif kienet bejn il-2002 u l-2011, kif kont inti?
>
> L-intimat: Erġajt koppi bid-drogi.
>
> Qorti: U bqajt bl-istess rotta anqas darba waqajt kif?
>
> Avukat: tixrob u tieħu imbagħad ġinali bniedem daħħalni mieghu fl-2011.

Qorti: u x-għamilt?

L-intimat: bqajt ma’ Arrigo sal-2015. Bagħtu ghalija Barrakka Compnay Limited u għadni sa issa.

Qorti: U fl-2011 meta kellek dan il-job fiss fejn mort tgħix?

L-intimat: Lien hemm il-post tal-mummy marret tgħix ma' ħija u qlibt l-indirizz t'hemmhekk u ngħix hemmhekk sa issa, West street il-Belt qed ngħix jien u ħija flimkien.

42. Dawn id-deposizzjonijiet juru li wara l-firma tal-att tas-separazzjoni personali il-partijiet reġgħu bdew igħixu flimkien għal perjodu qasir, sa ma reġgħu marru għal rashom. Għalkemm ma jaqblux dwar meta dawn kienu għexu flimkien taħt l-istess saqaf, u kemm damu, huwa paċifiku li la għamlu xi att li bih bidlu l-effetti tal-att tas-separazzjoni personali preċedentement maqbul kif ukoll li wara li l-intimat mar igħix f’dar oħra, huma baqgħu jgħixu lil hinn minn xulxin sal-lum il-ġurnata.

43. Għalhekk fid-dawl ta’ din il-prova tqum il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li l-partijiet jaqblu li wara l-firma tal-att tas-separazzjoni personali huma għamlu xi żmien indeterminat igħixu taħt l-istess saqaf, kienx dan iwassal għal rikonċiljazzjoni personali kif ukoll l-effetti tagħha.

44. L-artikolu 64(1)(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

1. Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom **igħammru** flimkien, iġġib l-għaqda tagħhom mill-ġdid u jġedded l-obbligu li ġej miż-żwieġ, għall-għixien flimkien u tal-manteniment.
2. Iżda, kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħa ta' att pubbliku.

45. Inoltre l-artikolu 65 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi wkoll li:

Dak l-att jista' jsir ukoll wara li r-raġel u l-mara jerġgħu jmorru jgħammru flimkien, iżda f'dak il-każ, l-att ma jiswiex jekk ma jsirx bl-awtorizżazzjoni tal-qorti.

46. L-effetti tar-rikonċiljazzjoni wara att ta' separazzjoni personali jaffettwaw u jirravvivaw l-obbligi ta' konvivenza u ta' manteniment biss, filwaqt li l-kondizzjonijiet l-oħra - kemm dwar il-komunjoni tal-akkwisti u proprjeta parafernali kif ukoll kull ftehim ieħor - jibqa' japplika jekk l-istess partijiet ma jiftehmux mod ieħor permezz ta'

kuntratt pubbliku li jkun jista' jibdel il-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt: u dan biss wara li tintalab l-awtorizzazzjoni tal-qorti.[4]

47. Kif ingħad, l-intimat ma eċċepiex ir-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet fir-risposta tiegħu iżda qajjem dan il-punt fit-trattazzjoni tal-każ. Jekk xejn, kien jispetta lilu li jipprova mhux biss li għal xi żmien qasir huwa mar igħix taħt l-istess saqaf mar-rikorrenti iżda li huwa kien mar igħammar magħha hemmhekk. Fil-fatt ir-rikorrenti tirrikonoxxi li għal xi żmien qasir hija kienet offrietlu kenn u għinuna, iżda ma tikkonċedix li f'dak il-perjodu huwa kien **igħammar** magħha.

48. F'dan ir-rigward allura din il-Qorti ma tistax tqis li f'xi żmien kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet kif trid il-Liġi.

49. Fil-vertenza in eżami, ir-rikorrenti ħarket lil żewġha sabiex iħallasha l-manteniment skont dak maqbul bejniethom fuq l-att ta' separazzjoni personali li jipprovdi għal ħlas ta' retta alimentarja għar-rikorrenti u għal bintha. Il-partijiet jidher li qablu fuq il-fatt li l-ammont ta' manteniment li kellu jitħallas mir-rikorrent għal bintu kien sakemm din tagħlaq tmintax il-sena (jew jekk timpjega ruħha qabel). Inoltre, ġie espressament miftiehem fl-att ta' separazzjoni personali li r-raġel jobbliga ruħu li jgħaddi l-manteniment lil mara għaliha u għat-tifla minuri **meta jaħdem**.

50. Il-partijiet jidher li qablu wkoll - fit-trattazzjoni tal-kawża – li l-liġi li ġiet emendata li t-tfal, jekk jibqgħu jistudjaw full time jibqa' dovut il-manteniment sa l-età ta' 18 sena jew sal-età ta' 23 sena skond in-każ, daħlet fis-sena 2011, jiġifieri ħafna wara d-data li ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet datat 8 ta' Lulju 1993. Għalhekk, qablu li dik l-emenda ma tapplikax għall-każ odjern.

51. Oltre minn hekk ir-rikorrenti iddikjarat fl-affidavit tagħha li hija kienet qegħda tippretendi l-ħlas tal-manteniment mingħand l-intimat minn meta beda jaħdem fl-2011 sakemm huwa beda effettivament iħallasha r-retta alimentarja wara li hija fetħet il-kawża iġifieri minn Jannar 2020. Dan allura jfisser li r-rikorrenti mhix qegħda tinsisti għall-ħlas tal-manteniment ta' bintha in kwantu f'dak il-perjodu kienet diġa maġġorenni.

[4] Ara **Josette Seychell vs. Peter Seychell** deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja fit-30 ta' Gunju 2004.

52. Dan allura jfisser li l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet ġiet arġinata minn meta l-intimat beda jaħdem fil-11 ta’ Marzu 2011[5] sal-31 ta’ Diċembru 2020 meta huwa allura jirriżulta li kien jaħdem full time bħala “security” ma’ Barrakka Limited.[6]

53. Skont id-dokumenti esebiti a fol 50 et seq l-intimat beda jaħdem fil-11 ta’ Marzu 2011 tant li fid-dokumenti fol 60 *et sequitur* jidher kemm kien qed jippercepixxi r-rikorrent bħala impjieg, meta kien impjegat ma’ OzoMalta Limited. Ġew eżebiti l-payslips bejn il-11 ta’ Marzu 2011 u l-31 ta’ Diċembru 2011, kif ukoll l-FS3 għall-dak il-perjodu kif ukoll il-payslips bejn l-1 ta’ Jannar 2012 u l-1 ta’ Lulju 2012 nonche l-FS3 għal dan iż-żmien.

54. Imbagħad ġew preżentati d-dokumenti maħruġa minn Arrigo Group of Hotels Limited mnejn jirriżulta li hemm l-FS3 bejn l-1 ta’ Lulju 2012 u l-31 ta’ Diċembru 2012 kif ukoll għas-snin 2013, 2014, 2015 u bejn l-1 ta’ Jannar 2016 sal-31 ta’ Mejju 2016.

55. A fol 108 et seq jirriżultaw ukoll l-FS3 forms maħruġa minn Barrakka Limited bejn 1 ta’ Ġunju 2016, l-1 ta’ Lulju 2017 sal-31 ta’ Diċembru 2017, 2018, 2019 u 2020. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Thresanne Howland tal-20 ta’ Jannar 2021, in rappreżentanza ta' Barrakka Company Limited, li l-intimat beda jaħdem ma' din il-kumpanija fl-1 ta' Ġunju 2016, u għadu impjegat magħhom sal-lum.

56. Fil-klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni, tistipula b'mod ċar li l-manteniment huwa kkalkulat abbażi ta' 50 fil-mija għall-mara u 50 fil-mija tat-tifla.

57. Matul il-ġbir tal-provi ma nġabitx prova sal-grad li trid il-Liġi dwar kemm kienet il-paga minima nazzjonali matul il-perjodu ta’ żmien in kwistjoni u jekk il-paga li kien jitħallas l-intimat kienetx il-paga minima nazzjonali jew ammont li huwa akbar mill-istess paga minima nazzjonali. Dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li l-att tas-separazzjoni personali kien jipprevedi li:

> b.F'każ li d-dhul tar-raġel ikun aktar mill-minimum wage, hu jkun obbligat iħallas l-ghoxrin lira kif ukoll hamsin 50 fil-mija tad-differenza bejn id-dhul u l-minimum wage.

[5] Fejn a fol 58 jirriżulta li ġie reġistrat bħala impjegat full time ma Ozosystem Limited bħala “pantry cleaner”.
[6] A fol 58 jirriżulta li ġie reġistrat bħala impjegat full time ma Barrakka Limited bħala “security”.

58. Din il-Qorti tqis li din il-prova kellha tinġieb mir-rikorrenta, iżda tħalliet barra. Għalhekk din il-Qorti sejra tqis l-ammont dovut lil mara bħala manteniment skont dak il-kuntratt in bażi għall-paragrafu 3(a) tal-istess att li jipprevedi allura li f'każ li d-dħul tar-raġel ikun il-minimum wage hu obbligat li jħallas għoxrin Lira fil-ġimgħa għall-mara u għat-tifla. Għalhekk, ladarba l-manteniment kien sejjer jinħadem biss fir-rigward tar-rikorrenta, l-ammont ta' għoxrin lira Maltija (LM20) fil-ġimgħa tkun trid tiġi ridotta għal għaxar liri Maltin fil-ġimgħa (LM10).

59. Illum il-ġurnata għaxar Liri Maltin (LM10) tiġi ekwivalenti għal tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29). L-intimat jiġi li skont dak mistqarr f'dan il-każ, huwa kien allura obbligat li jħallas lil martu €23.29 fil-ġimgħa bejn il-perjodu 11 ta' Marzu 2011[7] sal-31 ta' Diċembru 2020.[8] Dan jammonta għal perjodu ta' disa' snin, disa xhur u wieħed u għoxrin jum.

60. Bi €23.29 fil-ġimgħa għal 52 ġimgħa, il-manteniment li kellu jħallas l-intimat jiġi jammonta għal €1211.08 fis-sena.

61. Allura bejn il-11 ta' Marzu 2011 u l-31 ta' Diċembru 2020 – iġifieri fuq perjodu ta' disa snin, disa' xhur u wieħed u għoxrin ġurnata dan l-ammont jitla' għal **ħdax il-elf, tminn mija wieħed u tmenin euro wieħed u għoxrin ċenteżmu (€11,881.21).**

62. Ma dawn imbagħad irid jiżdied nofs kull bonus tal-Gvern. Dan ukoll allura jiddependi li jiġi pruvat minn dak li jkun irriżulta li rċieva l-intimat mingħand min kien iħadmu matul dan il-perjodu.

63. Minn analiżi tal-payslips eżebiti f'dan il-każ, jirriżulta li meta huwa kien impjegat ma OzoMalta Limited huwa rċieva s-segwenti bonus:

€13.98 – March Government Bonus 2011
€83.60 – June Government Bonus 2011
€121.13 – September Government Bonus 2011
€135.10 – December Government Bonus 2011
€121.13 – March Government Bonus 2012
€135.10 – June Government Bonus 2012

[7] meta jirriżulta li ġie reġistrat bħala impjegat full time ma Ozosystem Limited bħala "pantry cleaner" u meta allura fl-istess affidavit tagħha hija tippretendi li tibda titħallas minn meta beda jaħdem fl-2011.
[8] in kwantu r-rikorrenta tixhed li r-rikrorent beda jagħmel pagamenti ta' €93.50 fix-xahar minn Jannar 2020.

€60.57 – July Government Bonus 2012
-------------------------------------------------------------------------------------
€670.61 – Total ta' Bonus li rċieva meta kien jaħdem ma' OzoMalta Limited.

64. Dan allura jfisser li minn dan il-bonus li huwa rċieva bejn Marzu 2011 u Lulju 2012 meta kien jaħdem ma OzoMalta Limited huwa għandu jagħti lil martu nofshom fl-ammont ta' **€335.30**

65. Kif intqal il-provi juru li wara li kien spiċċa jaħdem minn ma OzoMalta Limited, l-intimat kien mar jaħdem bħala dishwasher ma' Arrigo Group of Hotels Limited bejn l-1 ta' Lulju 2012 u l-31 ta' Mejju 2016. Id-dokumenti li juru kemm kien jitħallas paga l-intimat u li ġew eżebiti mir-rappreżentanti ta' din il-kumpanija kienu l-FS3, li minnhom ma jirriżultax espressament kemm l-intimat kien irċieva f'bonus. Allura din il-Qorti sejra tinferixxi li l-ammont ta' bonus statutorju li kien imħallas lilu – stante li huwa kien ħaddiem full-time għandu jitqies li huwa ekwivalenti għal dak imħallas f'sena sħiħa bħal meta kien għadu jaħdem qabel ma OzoMalta Limited fl-ammont ta' €512.46 fis-sena, li allura minnhom huwa ried iħallas nofshom lil martu fl-ammont ta' €256.23 fis-sena. F'dan il-perjodu ta' tliet snin u għaxar xhur għalhekk l-intimat jiġi li rċieva bonus ta' €1964.38 li nofshom ried iħallashom lil martu iġifieri għandu jtiha l-ammont ta' **€982.19** bħala nofs il-bonus sakemm dan jaħdem ma' Arrigo Group of Hotels Limited.

66. Mix-xiehda ta' Theresanne Howland a fol 113 jirriżulta li l-intimat kien beda jaħdem ma Barrakka Limited mill-1 ta' Ġunju 2016 għalkemm l-FS3 li eżebiet kienet minn Frar 2017 il-quddiem. Għaldarb'oħra ma jirriżultax kemm kien hemm bonus li tħallas matul il-perjodu 1 ta' Ġunju 2016 sal-31 ta' Diċembru 2020. Iżda din il-Qorti sejra timxi fuq l-istess linja ta' ħsieb espressa preċedentement u allura tqis li l-intimat irċieva fl-ammont ta' €512.46 fis-sena, li allura minnhom huwa ried iħallas nofshom lil martu fl-ammont ta' €256.23 fis-sena. Dan allura jwassal għal erba' snin u nofs fl-ammont totali ta' €2306.07 li nofshom ried iħallashom lil martu iġifieri għandu jtiha l-ammont ta' **€1153.03** bħala nofs il-bonus sakemm dan jaħdem ma' Barrakka Limited sal-31 ta' Diċembru 2020.

67. Dan allura jwassal għall-ammont ta' manteniment u bonuses totali li jrid iħallas lil martu minħabba din il-kawża fl-ammont ta'
1. Manteniment ta' Lm20 jew €23.29 fil-ġimgħa: €11811.00
2. Nofs il-bonus sakemm ħadem ma OzoMalta Ltd: € 335.30

3. Nofs il-bonus sakemm ħadem ma' Arrigo: € 982.19
4. Nofs il-bonus kemm ilu Ma Barrakka Ltd sal-31/12/2020: € 1153.03

**Total ta' €14,281.52**

68. Għar-raġunijiet kollha hawn fuq spjegati, din il-Qorti sejra tiċħad l-eccezzjonijiet tal-intimat fil-mertu filwaqt li sejra tilqa' t-talbiet tar-rikrorenti u tiddikjara li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erbatax il-elf mitejn wieħed u tmenin euro tnejn u ħamsin ċenteżmi (€14,281.52).

# Deċide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat:**

**A. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara lil-intimat responsabbli li jħallas il-manteniment kif ukoll nofs il-bonus dovut lir-rikorrenti skont l-artikolu 3 tal-att ta' separazzjoni personali imsemmi iżjed il-fuq limitatament bejn il-perjodu 11 ta' Marzu 2011 sal-31 ta' Diċembru 2020.**

**B. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tillikwida l-ammont ta' manteniment u nofs il-bonus dovut bejn il-perjodu 11 ta' Marzu 2011 sal-31 ta' Diċembru 2020 kif imsemmi iżjed il-fuq fl-ammont ta' erbatax il-elf mitejn wieħed u tmenin euro tnejn u ħamsin ċenteżmi (€14,281.52).**

**C. Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax il-elf mitejn wieħed u tmenin euro tnejn u ħamsin ċenteżmi (€14,281.52) bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jitħalsu mill-intimat Saviour Seychell.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**